**MOVIMENT TA' KANA**
**LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2014**

**Diskors minn Dr Arthur Galea Salomone**
**President**

*Dan id-diskors segwa l-esperjenza li ta s-Sur Jason Vassallo mill-Parroċċa ta' Ħal Balzan, li flimkien ma' martu Marianne kien imexxi l-Kors tat-Tħejjija għaż-Żwieġ Nisrani. Marianne ġiet nieqsa ftit taż-żmien ilu.*

## A. Introduzzjoni

1. Grazzi Jason tal-kuragg u tal-ezemju tieghek. Meta smajt it-testimonjanza ta' Jason l-ewwel darba fuq Xarabank, xtaqt li jaqsam din l-esperjenza mal-Membri tal-Moviment, mhux biss, biex permezz taggha insellmu lil Maryanne, imma il-ghaliex huwa messagg qawwi tas-sbuhija taz-zwieg, turija hajja tat-tifsira tal-weghdiet taz-zwieg.

Ahna ghandna d-dover li nibqghu, nipproponu minghajr ma nimponu, z-zwieg nisrani bhala l-ahjar ghazla ghall-koppji u ghat-tfal, ghandna d-dover li nirrelevaw is-sbuhija tas-sagrament taz-zwieg. Jason uriena, bit-testimonjanza tieghu illi biex nirrakontaw s-sbuhija taz-zwieg u l-qawwa tal-grazzja sagramentali, l-esperjenza hija ferm izjed elokwenti u konvincenti mill-kliem u mill-priedki.

L-ewwel punt li xtaqt naghmel huwa li nixtieq inheggeg il-Membri tal-Moviment biex jiehdu l-inizjattiva halli fil-parrocci taghhom, forsi fil-quddies, ifittxu l-okkazzjoni u l-opportunita biex jirrelevaw u jaghtu xhieda ta' esperjenzi sbieh taz-zwieg.

L-esperjenza qawwija ta' Jason u Marjanne mhijiex wahda ta' kull jum u lanqas ma hija necessarjament esperjenza tipika pero certament hemm esperjenzi ohrajn li nistghu naqsmu, koppji li jghaddu minn diffikultajiet li jirnexxielhom jeghlbu, esperjenzi sbieh ta' mahfra fiz-zwieg, esperjenzi ta' mizzewgin li baqghu sodi fiz-zwieg ghall-tletin, erbghin u aktar snin.

Dawn huma kollha esperjenzi li ghandna nirrikkontaw specjalment fi zmien fejn id-dinja qed tissugerixxi li z-zwieg huwa disposable, huwa relazzjoni bhal ohrajn li tista tarmi.

Grazzi ghalhekk Jason, tal-kuragg, tal-ezempju u tal-ispirazzjoni li tajtna biex inkunu mheggin naqsmu esperjenzi sbieh taz-zwieg.

**B PJAN TA' HIDMA.**

Din is-sena il-Kunsill nieda process biex ifassal pjan ta' hidma ghall-hames snin li gejjin. Il-Pjan hu ambizzjuz u fit-tul imma fil-ftit hin li Ghandi ser niehu l-opportunita naqsam maghkhom ftit mill-idejat li behsiebna nwettqu fi tlett oqsma;

1. Kors ta' Thejjia ghaz-Zwieg;
2. Formazzjoni tal-Koppji Wara z-Zwieg;
3. Politika favur iz-zwieg.

**1. Tibdil fil-Kors ta' Thehhija ghaz-zwieg.**

a) Din is-sena bdew il-Korsijiet ta thejjija ibbazati fuq il-Manwali l-godda. It-tibdiliet intlaqghu tajjeb generalment imma qed tinhass il-htiega li l-Koppji mexxejja jinghataw izjed appogg. Dana bi hsiebna naghmluh b'numru ta' inizjattivi bhal m'huma rizorzi addizzjonali li minn zmien ghal zmien ser nibdew intellghu f'parti appozita tal-Website.

b) Nixtiequ ingeddu wkoll l-inizzjattivi ghall-formazzjoni tal-Membri tal-Moviment u ser tigi kkonsidrata kollaborazzjoni mal-Istitut ta' Taħriġ Pastorali tal-Arċidjoċesi biex min jixtieq jew min mhux qed jiehu l-formazzjoni fi grupp partikolari jista jiehdu fi hdan CANA. (Speak to them to organise a Course which his family based.)

c) Il-kors tat-thejjija kif inhu strutturat huwa validu imma jibqa dak li hu, kors imqassam fuq ghaxar sessjonijiet li filwaqt li joffri lill-koppji informazzjoni u formazzjoni bazika, certament ma joffrix mixja ta' preparazzjoni profonda ghaz-zwieg ghal min verament irid jaghmel din il-mixja.

d) Ghalhekk fis-snin li gejjin barra l-kors baziku li huwa obbligatorju ghal min ser jizzewweg fil-Knisja, il-Moviment ghandu jahseb biex joffri, fuq bazi volontarju varjeta' ta' dan il-Kors, jiġifieri, mixja vera u

proprja ghal min jixtieq preparazzjoni aktar profonda ghaz-zwieg sagramentali.

## 2. Formazzjoni tal-Koppji (Familji) wara ż-Żwieġ

Bhala Moviment Kana ma nistghux inqisu t-thejjija u l-formazzjoi tal-koppji bhala xi haga li ssir esklussivament qabel iz-zwieg. Jehtieg li KANA tinvolvi ruha aktar attivament fil-formazzjoni tal-koppji fuq bazi kontinwa sew qabel u sew wara z-zwieg.

Dan jista jsir kemm billi l-koppji mexxejja jitharrgu biex jibqghu mentors li jsegwu lil dawk li jizzewgu u kemm billi permezz tal-Gruppi Familja Nsara u "Jiena Magħkom Dejjem" jizdiedu l-inizjattivi ta' formazzjoni ghall-mizzewgin.

Nirringrazzja lil mexxejja u l-membri kemm tal-Gruppi Familja Nsara u kemm tal-Grupp Jien Maghkhom Dejjem tal-hidma taghhom. Fil-Gruppi Familja Nsara partikolarmant ser jittiehdu inizjattivi biex jigu attirati aktar membri zaghzagh minn fejn jistghu jigu identifikati aktar Koppji Mexxejja, *Counsellors*, Għalliema tal-NFP u volontarji biex dan il-Moviment jibqa jiggedded.

## 3. ***Politika favur iż-Żwieġ u l-Familja u*** **Advocacy.**

a) Huwa evidenti li l-politika nazzjonali dwar il-familja u l-hekk imsejha drittjijiet civili qabdu rotta, b'ritmu mghaggel, li ser iwasslu ghal tibdil radikali fil-familja u fis-socjeta. Qatt daqs illum ma huwa evidenti l-bzonn ta' vuci ta' advocacy favur iz-zwieg u l-familja, Qatt daqs illum ma huwa evidenti l-bzonn ta' hidma ko-ordinata fi hdan il-Movimenti tal-Knisja biex tigi proposta ghall-pubbliku u għall-awtoritajiet Civili aspetti ta' politika nazzjonali favur iż-żwieġ u l-familja.

b) Ir-rizorsi huma tali li ma nistghux ninhlew fid-duplikazzjoni u allura dan l-aspett ta' pastorali taż-żwieġ u l-familja, jkun aktar f'postu jekk isir flimkien mall-forzi pastorali fil-qasam taż-żwieġ u l-familja.

4. Dawn il-proposti ma jistghux jitwettqu jekk ma jkollniex l-istrumenti necessarji ghal-implementazzjoni taghhom.

A Jehtieg li l-Moviment ikun appoggat minn grupp dedikat ta' saċerdoti li għandhom interess partikolari u ffukat fil-pastorali taż-żwieġ u l-familja;

C Jehtieg li b'mod strutturat nibnu Arkivju ta' dokumentazzjoni relatata maż-żwieġ u mal-familja biex dawn ikunu ghad-dispozizzjoni tal-Membri taghna;

D Jehtieg li nitghallmu nuzaw il-Media ahjar kemm dik tradizzjonali u kemm dik socjali. F'dan il-kuntest nixtieq nirringrazzja lil James Chappell, membru tal-Kunsill u President tal-Grufan li kien strumentali biex dis-sena varajna kemm il-Website gdida kif ukoll il-Facebook page taghna.

D. Fl-ahhar u mhux lanqas jehtieg li nahsbu serjament dwar Fund Raising. F'dawn l-ahhar snin Kana drat tistrieh fuq il-kontribuzzjoni tal-Gvern ghal vijabilta finanzjarja taghha u bhekk poggiet ruha f'posizzjoni vulnerabbli. Filwaqt li ser nibqghu nishqu fuq il-kontribuzzjoni tal-Gvern hemm bzonn nahsbu serjament dwar Fund Raising.

E Biex inwettqu dan kollu hemm bzonn li nattiraw izjed volontarji. Għandu jkun ghalhekk inkoraġġit li intkhom bhala Membri tressqu volantarji godda fi ħdan il-MtK fl-oqsma kollha.

**KONKLUZJONI.**

Dawn huma ftit mill-inizjattivi li bhala Moviment qed nippjanaw. Pero xtaqt nishaq illi izjed milli nwettqu dak li nippjanaw ahna, irridu niskopru x'qed jippjana ghal-Moviment il-Mulej. Il-punt tat-tlaq tal-hidma taghna jrid ikun it-talb.

F'mixja ta' talb irridu niddixxernu x'inhi l-Agenda tal-Mulej ghall-Moviment fiz-zminijiet tal-lum. Biex jinbet il-frott bnin mill-Moviment irridu ninsew lilna nfusna biex il-Mulej ikun jista jahdem permezz taghna. Ma nistghux nippretendu li nkunu protagonanisti fil-hidma taghna imma rridu nkunu strumenti li ncedu l-protaganizmu taghna biex ikun protagonist il-Mulej, irridu nkunu lesti nwarrbu l-Agenda taghna biex il-Mulej imexxi l-Agenda tieghu permezz taghna.

Huwa essenzjali biex dan process ta' dixxerniment fit-talb ikun kontinwu biex b'hekk verament inwettqu dak li ordnat il-Madonna fit-tieg ta' Kana, "Ghamlu dak kollu li jghidilkhom Hu".

Fl-ahharnett nixtieq minn qalbi nirrigrazzja lil membri kollha tal-Moviment ghal hidma taghhom. Nixtieq nizzihajr personalment lil Marthese Borg, Il-Vici President tal-Moviment li wara 30 sena hidma fil-Moviment wriet ix-xewqa li ma tibqax isservi fuq il-Kunsill ghalkemm ser tibqa membru tal-Moviment. Grazzi mill-gdid lilkhom ilkoll u nawgura sena ohra ta' hidma fejjieda fi hdan il-Moviment Kana.